DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 49/2022

tat-18 ta' Marzu 2022

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, testijiet u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2022/1117]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim dwar iż-ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trailers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009, u li jħassar id-Direttiva 2007/46/KE ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(2) Ir-Ir-Regolament (UE) 2018/858 iħassar id-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), li hija inkorporata fil-Ftehim dwar iż-ŻEE u li konsegwentement għandha titħassar skont il-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(3) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness II tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kapitolu I tal-Anness II tal-Ftehim dwar iż-ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Dan li ġej jiddaħħal wara l-punt 50 (ir-Regolament (UE) 2019/26 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

"51. **32018 R 0858**: Ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trailers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jħassar id-Direttiva 2007/46/KE (ĠU L 151, 14.6.2018, p. 1).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-finijiet tal-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) Fl-Artikolu 9 minn (1) sa (5), il-kliem 'il-Kummissjoni' għandu jinbidel bil-kliem 'l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA' meta l-approvazzjoni tat-tip tkun ingħatat f'wieħed mill-Istati tal-EFTA.

(b) L-Istati tal-EFTA għandhom jipparteċipaw fil-Forum għall-Iskambju ta' Informazzjoni dwar l-Infurzar stabbilit fl-Artikolu 11 u l-Forum dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni dwar il-Vetturi stabbilit fl-Artikolu 66.

(c) Fl-Artikolu 15(2), il-kliem 'jew l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA jekk l-approvazzjoni tat-tip tkun ingħatat f'wieħed mill-Istati tal-EFTA' jiżdied wara l-kelma 'il-Kummissjoni'.

(d) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 1 ta' dan il-Ftehim, fl-Artikolu 53(1)-(6) il-kliem 'jew l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA fir-rigward tal-Istati tal-EFTA', għandu jiżdied wara l-kelma 'il-Kummissjoni'.

(e) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 1 ta' dan il-Ftehim, fl-Artikolu 54 il-kliem 'jew l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA fir-rigward tal-Istati tal-EFTA', għandu jiżdied wara l-kelma 'il-Kummissjoni'.

([1]) ĠU L 151, 14.6.2018, p. 1.
([2]) ĠU L 263, 9.10.2007, p. 1.

(f) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 1 ta' dan il-Ftehim, fl-Artikolu 56(6), il-kliem 'jew l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA fir-rigward tal-Istati tal-EFTA', għandu jiżdied wara l-kelma 'il-Kummissjoni'.

(g) Is-subparagrafu li ġej għandu jiżdied mal-Artikolu 85(1):

'Il-kompiti fl-Artikolu 85(1), għall-impriżi kkonċernati fl-Istati tal-EFTA, għandhom jitwettqu mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.'

(h) Is-subparagrafu li ġej għandu jiżdied mal-Artikolu 85(4):

'Għall-Istati tal-EFTA, l-Istati tal-EFTA għandhom jiddeterminaw l-allokazzjoni tal-ammonti tal-multi amministrattivi.'."

2. L-inċiż li jmiss jiżdied fil-punti 45zt (ir-Regolament (KE) Nru 715/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) u 45zzk (ir-Regolament (KE) Nru 595/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

"— **32018 R 0858**: Ir-Regolament (UE) Nru 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 (ĠU L 151, 14.6.2018. p. 1)."

3. It-test tal-punt 45zx (id-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) jitħassar.

Artikolu 2

It-test tar-Regolament (UE) 2018/858 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-19 ta' Marzu 2022, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE *.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Marzu 2022.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
Nicolas VON LINGEN

(*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.